# Knisja Ta' L-Ispirtu S-Santu



* Sehem il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu fl-Istorja taż-Żejtun
* Ċentru ta' devozzjoni Ewkaristika, tagħlim u għajnuna so'jali
* Xogħol Mikiel Cachia fil-bidla tal-knisja
* Dun Nazzarenu Curmi u d-devozzjoni lejn S. Tereża tal-Bambin Ġesu'

Il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu kif, sa ċertu punt biss, teżisti llum, kienet ġiet mibnija fl-1688, skond il-pjanta ta' l-arkitett magħruf Lorenzo Gafa. Dan ifisser li din il-knisja fil-qalba taż-Żejtun inbniet erba' snin qabel tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali ta' llum fl-1692. Kien l-istess Lorenzo Gafa' li għamel il-pjanta tal-knisja parrokkjali. Għidna kif teżisti llum "biss sa ċertu punt," għaliex mitt sena wara l-bini tagħha, kien sar tibdil importanti fl-istruttura ta' din il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, kif se naraw aktar 'il quddiem.

*It-Testment ta' Giovanni Cassar*

Sebgħin sena qabel, jiġifieri fil-21 ta' Novembru, 1618, ċertu Giovanni Cassar kien ħalla fit-testment tiegħu biċċa art **biex tinbena knisja ta' l-Ispirtu s-Santu**. Dan Cassar kien ħalla wkoll **il-fundazzjonijiet li kellhom isiru f'din il-knisja**, flimkien ma' **legat taż-żwieġ** (1). Ħalla li kull sena f'din il-knisja ssir festa ta' **Għid il-Ħamsin** bil-kant tal-Primi u Secondi Vespri, quddiesa kantata u żewġ quddisiet letti. L-istess ħalla għall-festa tas-**SS.ma Trinita'** u għall-**ġimgħa tal-mejtin kollha** f'Novembru ta' kull sena. Barra minn hekk ried li kull nhar ta' Ħamis matul is-sena kollha ssir quddiesa letta f'din il-knisja. Cassar ukoll ftakar fix-xbejbiet foqra, għaliex ħalla **legat ta' 45 skud** biex dawn jingħataw kull sentejn lill-aktar **xebba fqira Żejtunija** nhar iż-żwieġ tagħha. Din ix-xebba kellha tintagħżel mill-membri tal-Fratellanza tal-Beata Verġni tal-Karita' mwaqqfa fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun (2). Ma rridux ninsew illi fl-1618 il-knisja parrokkjali ma kenitx dik li nużaw illum, iżda dik li nsibuha bħala l-knisja ta' San Girgor.

*Il-Pjanta ta' Lorenzo Gafa'*

Lorenzo Gafa' għamel pjanta ta' **knisja 'entralizzata**, b'tali mod li fiha erba' navati eżattament kollha l-istess, madwar 'entru li fuqu titla' l-koppla. L-arkitettura tal-knisja, fuq **stil barokk**, hi tassew mill-isbaħ. Is-soqfa ta' l-erba' navi huma nofs tond, filwaqt

li l-koppla 'kejkna u ħelwa, m'hix maqsuma fi flieli. Mhux l-ewwel darba li Gafa' bena koppli b'dan il-mod. Hekk, bħala eżempju ieħor, nistgħu nsemmu l-koppla tal-knisja parrokkjali tal-Birgu. Iżda fl-1688 Triq Santa Katarina kienet għadha ma teżistix, filwaqt li t-triq li llum insejħulha **Triq San Lu'jan**, mhux biss kienet miftuħa, iżda wkoll kellha mportanza kbira, għaliex kienet it-triq li tgħaqqad l-inħawi tal-Gwiedi ma' dawk ta' Bisqallin. Fil-fatt fl-imgħoddi kont issib li xi **wħud mill-aħjar familji Żwieten**, bħall-familja Abela Agius, magħrufa bħala "Ta' Glawdin"u benefatturi kbar tal-knisja, kienu joqogħdu f'din it-triq.

**Il-Knisja tħares lejn Triq San Lu'jan**

faċċata tagħha fi Triq San Luċjan, biswit il-post fejn ħafna snin wara nbniet l-Iskola Primarja tal-kolonni. L-istess bħall-knisja parrokkjali, din il-**knisja ta' l-Ispirtu s-Santu ġiet mibnija fuq kripta** (li ġieli nsejħulha kannierja) imħaffra fil-blat. Fil-fatt l-ebda knisja oħra fiż-Żejtun, lanqas dik ta' San Girgor, m'għandha kripta. Is-saqaf ta' din il-kripta hu mibni fuq numru ta' ħnejjiet, li allura fuqhom imbagħad hi mibnija l-art tal-knisja. Din il-knisja kellha wkoll **zuntier quddiemha** fejn kien isir id-dfin. Fil-fatt fil-purċissjoni li sa ftit snin ilu kienet issir nhar l-Għid ta' l-Imwiet sa l-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, kien dejjem isir it-tberik tal-mejtin. Allura fil-qedem din il-knisja kellha quddiemha wesgħa ġmielha.

*Il-Knisja tħares lejn Triq Santa Katarina*

militari **Mikiel Cachia**, mexxej taż-Żwieten fil-qawmien kontra l-Franċiżi. Kienet diġa' nfetħet, eżattament mill-wesgħa fejn hemm is-salib (quddiem il-*gate* ta' l-Iskola Primarja ta' llum) li dari kienet tissejjaħ ***Piazza Santa Croce***, direttament għal quddiem il-knisja parrokkjali preżenti, **it-triq li llum tissejjaħ Triq Santa Katarina**. Fil-fatt f'din it-triq il-Gran Mastru Ramon Perellos, li miet fl-1720, kien ilu li bena *Casa Perellos*, biex minnha jkun jista' jara l-Purċissjoni ta' San Girgor. Allura raw kif għamlu biex **il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu jġibuha tħares bil-maqlub ta' qabel**. Hekk fetħu bieb kbir għal barra n-naħa fejn qabel kien hemm l-artal maġġur u lill-knisja bnewlha faċata sabiħa, fuq stil barokk, fi Triq Santa Katarina. Fuq dan il-bieb min-naħa ta' ġewwa għamlu l-gallarija ta' l-orgni u n-naħa l-oħra, fejn dari kien il-bieb ta' barra, qegħdu l-artal maġġur. Ix-xogħol sar b'sengħa kbira, tant li **diffiċli ferm biex tinduna bit-tibdil li sar**. Ix-xogħol imbagħad waqaf ħesrem f'Mejju 1798, wisq probabbli minħabba l-qawmien kontra l-Franċiżi, iżda tkompla wara, u jidher li dam sejjer ġmielu. Hekk l-imgħallem Franġisku Carabott għamel xogħol fil-faċċata tal-knisja fl-1835, meta wkoll l-iskultur

**Xandru Farrugia** ħadem il-kapitelli tal-faċċata (3). Fuq in-naħa fejn dari kien hemm iz-zuntier, **bnew post** li aktar tard beda jissejjaħ ***Istituto San Giuseppe*** u li llum hu wżat mis-Sorijiet "**Ulied il-Qalb ta' Ġesu**".

*L-Ewwel Skola fiż-Żejtun*

Fl-1819 dan il-post beda jintuża bħala l-ewwel skola li qatt kien hawn għat-tfal Żwieten. Kien il-Kappillan **Dun Bartilmew Sant** li ta din id-dar lill-qassis Żejtuni **Dun Alwiġ Camilleri** biex hu jiftaħ din l-iskola, fejn allura beda jgħallem id-Duttrina Nisranija, il-Malti u l-Għarbi. Tant mexa 'l quddiem dan it-tagħlim, li ma damux ma ndunaw li kellhom bżonn ta' aktar spazju. Dun Alwiġ kien jgħallem l-Għarbi bit-tama li xi ħadd mill-istudenti tiegħu jitħajjar imur missjunarju fl-Afrika ta' Fuq. Spetturi Ngliżi li żaru din l-iskola kellhom kliem ta' tifħir għaliha. F'dan ix-xogħol ta' siwi kbir għall-edukazzjoni tat-tfal, Dun Alwiġ kien megħjun mill-**Isqof ta' Malta Ferdinando Mattei** u mill-**Konslu Spanjol Alberto Megino**. Bħala tifkira ta' dan, f'waħda mill-kmamar ta' din l-iskola, għandna sa llum skultura fil-ġebel tal-figuri ta' dawn iż-żewġ persuni mportanti li t-tnejn kellhom dar fiż-Żejtun. Fuqhom ajkla kbira żżomm f'ħalqha strixxa bi kliem li jirreferi għalihom, filwaqt li taħthom naraw tliet armi: ta' Malta fin-nofs u ta' l-Isqof u l-Konslu fuq il-ġnub tagħha.

*Populus Zeitunensis Fecit*

Il-poplu taż-Żejtun ukoll ikkontribwixxa biex jinbena dan il-post. Tant hu hekk, li fit-tliet gallariji tal-ħadid fil-faċċata tiegħu naqraw it-tlett ittri **PZF**, il-kelmiet Latini ***Populus Zeitunensis Fecit*** fil-qosor, li jfissru "Il-poplu taż-Żejtun bena", Din il-faċċata, barra dawn il-gallariji, għandha erba' twieqi oħra fis-sular ta' fuq, ornamentati bi speċi ta' purtiera mkebba', xogħol fil-ġebel. Il-pilastri tat-tarf huma mżejna bil-kapitelli, filwaqt li fin-nofs, fuq il-bieb prinċipali, jidher basso-riliev ieħor li jirrappreżenta x-**xtajta tal-Grigal ta' Malta**, fejn jidhru l-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett. Xini solitarja tidher riesqa lejn il-Port il-Kbir, filwaqt li x-xemx hi tielgħa min-naħa tal-Lvant. Bieb mit-triq tal-ġenb (Triq l-Ispirtu s-Santu) jagħti għall-kripta, fejn fl-aħħar gwerra (1940 - 1945) tħaffer **xelter** b'ħafna kurituri u kmamar żgħar f'diversi livelli. Kurjuża ħafna hi basso-riliev ieħor fil-ġebel fuq il-bieb tas-sagristija fl-istess triq. Hi **figura allegorika** ta' mara quddiem arzella. Il-mara, li hi mlibbsa, qed tostor ruħha wara purtiera. Donnha hi l-figura ta' Venere, alla pagana ta' l-imħabba, li dejjem kienu jġibuha quddiem arzella, iżda mhux imlibbsa kif inhi din. U ngħid jien, din l-alla pagana ta' l-imħabba x'għandha x'taqsam ma' bini reliġjuż? Għalhekk tibqa' għalija

figura kurjuża! Fl-1838 iż-Żwieten 'edew din id-dar lill-Gvern Ingliż meta dan ried jieħu t-tagħlim taħt idejh. Meta mbagħad fl-1908 tlestiet l-Iskola Primarja ta' llum, l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele ried mill-ġdid jieħu dan il-post f'idejh, iżda l-awtoritajiet Ingliżi ma riedux jagħtuhielu lura. Allura l-Arċipriet kellu jiftaħ kawża bil-qorti. Is-sentenza tal-Prim Awla tat-13 ta' Marzu, 1911, tat raġun lill-Ar'ipriet (4).

*Il-Post iservi ta' Sptar*

Jidher li dan il-post kien destinat li jkollu sehem ġmielu fl-Istorja taż-Żejtun. Mhux l-ewwel darba li l-mard ikraħ tal-pesta u l-kolera attakka dan ir-raħal b'konsegwenzi ferm koroħ ta' ħafna mwiet. Hekk ġara fl-**1887** meta ż-Żejtun ġie milqut mill-marda tal-**kolera**. L-awtoritajiet sanitarji riedu jikkuraw il-vittmi ta' din il-marda, u peress li spazju ma kellhomx għall-morda kollha fl-isptarijiet diġa' eżistenti, huma wżaw dan il-post fiż-Żejtun bħala sptar temporanju. Kien fi żmien il-Kappillan **Dun Anton Psaila**, li wara sar l-ewwel Ar'ipriet taż-Żejtun, iżda l-aktar li assista mal-morda f'dan l-isptar kien il-Vi'i-Kappillan **Dun Lawrenz Degabriele**, li baqa' jiftakar sewwa minn l-ewwel li miet f'Lulju sa l-aħħar wieħed li miet nhar l-Għid ta' l-Imwiet. F'dik is-sena l-marda kerha tal-kolera qatlet fiż-Żejtun 126 persuna (5).

*Is-Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesuċ"*

Fid-9 ta' Ġunju, **1908**, ġie mwaqqaf f'din id-dar l-*Istituto San Giuseppe* mis-Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesu",Dawn ir-reliġjużi ilhom dawn is-snin kollha jgħixu hawn fejn, barra li jieħdu ħsieb it-tfal anqas fortunati minn tfal oħra, wkoll jgħallmu l-iskola lit-tfal żgħar. Din il-kongregazzjoni ġiet imwaqqfa minn **Madre Maria Teresa Nuzzo** fil-Ħamrun fis-sena 1903. Meta din id-dar fiż-Żejtun ma kenitx biżżejjed biex tilqa' t-tfal studenti li l-ġenituri tagħhom rieduhom jitgħallmu għand dawn is-sorijiet, dawn l-istess sorijiet fetħu skola akbar fi Triq San Pawl. Wara li kienu ilhom is-snin jieħdu ħsieb it-tfal orfni, huma bidlu l-istitut f'***day-centre***, għaliex in-numru ta' tfal orfni naqas ħafna, meta niżlet ir-rata tat-twelid f'Malta. Hekk issa jieħdu ħsieb it-tfal matul il-ġurnata, meta l-ġenituri ta' dawn it-tfal ma jkunux jistgħu jieħdu ħsiebhom huma għal xi raġuni jew oħra. Sadanittant is-sorijiet għamlu diversi tibdil strutturali fid-dar, biex ġiebuha adattata għall-ħtiġijiet ta' żmienna. Is-sorijiet ilhom minn żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1940 -1945) imexxu l-**Adorazzjoni Perpetwa** fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, fejn din l-Adorazzjoni kien ġiet imwaqqfa mis-saċerdot Żejtuni **Mons. Salvatore Grima**.

*L-Artal Maġġur*

Nagħtu issa ħarsa lejn din il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu minn ġewwa. L-artal il-maġġur hu ddedikat lill-**Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli** u l-kwadru prinċipali jidher li hu xogħol tas-seklu 17 jew 18. Juri l-Appostli miġburin jitolbu fi'-Ċenaklu madwar il-Madonna li qiegħda fin-nofs, filwaqt li nieżel l-Ispirtu s-Santu fuqhom ilkoll taħt forma ta' ilsna tan-nar. Fil-għoli fuq il-kwadru tidher ħamiema skolpita fil-ġebel b'raġġi ħerġin minnha - simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu - u l-kelmiet *Repleti sunt omnes Spiritu Sancto*, Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, kwotazzjoni mill-ktieb "L-Atti ta' l-Appostli", Mal-ġenb tal-kwadru prinċipali jidhru żewġ kwadri żgħar laterali. Wieħed jirrappreżenta lill-**Arkanġlu San Rafel** flimkien ma' Tobija, tidher ukoll il-ħuta n-naħa t'isfel tal-kwadru. Fl-1850 ċertu Vincenzo Debattista waqqaf fundazzjoni f'din il-knisja f'ġieħ l-Arkanġlu San Rafel biex issir il-festa tiegħu skond l-Atti tan-Nutar Tommaso Carmelo Scicluna (6). Fuq in-naħa l-oħra tal-kwadru prinċipali, hemm il-kwadru laterali ta' l-**Appostlu San Ġuda Taddew**, probabilment xogħol il-pittur Rokku Buhagiar.

*Il-Madonna tal-Pilar*

skultura sabiħa fil-ġebla li tirrappreżenta lill-Madonna fuq il-kolonna (pilar). Hu xogħol attribwit lill-magħruf skultur **Marjanu Gerada** (1770 - 1823). Ħaġa ta' l-iskantament kemm tinħass hawn l-influenza Spanjola. Gerada qatta' żmien twil fi Spanja, fejn saħansitra kien l-iskultur tar-Re; diġa' tkellimna dwar il-Kavallier, Alberto Megino, Konslu ta' Spanja; u Ramon Perellos, li bena fil-viċin il-palazz tiegħu, kien Spanjol! Fl-1887 ċerta **Regina Camilleri** waqqfet għand in-Nutar Lorenzo Cassar il-fundazzjoni tal-Madonna tal-Pilar f'din il-knisja (7). Il-gwarniċ tal-ġebel tas-sotto-kwadru ma fih l-ebda kwadru ċkejken u m'għandi l-ebda idea x'qaddis jew qaddisa dari kien hemm fih, iżda quddiemu hemm statwa ċkejkna ta' **Santa Tereża tal-Bambin Ġesu'**. Kien **Dun Nazzarenu Curmi**, iben is-Sindku taż-Żejtun Dr. Paolo Curmi, li daħħal id-devozzjoni lejn din il-qaddisa fl-ewwel nofs tas-seklu 20. Hu kien jorganizza festa mill-isbaħ lil din il-qaddisa u jistieden diversi saċerdoti minn barra l-parroċċa. Statwa ta' l-istess qaddisa tidher fuq barra, kantuniera bejn Triq Santa Katarina u Triq l-Ispirtu s-Santu. Kitba fuq irħama taħt din l-istatwa tgħid: "Din il-vara ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu' ġiet imbierka mill-Ar'isqof Mons. G. Godfrey, Del. Ap. fl-Ingilterra. Dun Mauro Caruana, Isqof ta' Malta, jagħti 100 jum indulġenza lil min jgħid: 'Santa Tereża itlob għalina u ħarisna' 17 - V -1940",

*L-Artal tad-Duluri*

Biswit l-artal tal-Madonna tal-Pilar, viċin is-sagristija preżenti, hemm l-artal tad-Duluri. Il-kwadru sar mill-pittur Żejtuni **Toussaints Busuttil** fl-1945. Kemm il-firma tal-pittur, kif ukoll id-data, jidhru fil-kwadru. Bħala sotto-kwadru hemm **San Franġisk de Paola**, fejn tidher ukoll, kitba rqiqa, il-kelma *Charitas*, li hi karatteristika ta' dan il-qaddis. Statwa fil-ġebel ta' dan il-qaddis, li llum qiegħda fil-ġnien tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb, dari kienet fit-taraġ li minn ħdejn is-sagristija tal-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, jagħti għas-sular ta' fuq. Fl-imgħoddi kienet teżisti f'Malta devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis.

*Is-Sagristija l-Qadima*

L-artal tad-Duluri jinsab bejn is-sagristija ta' llum u kamra li fiha naraw statwa tal-Madonna ta' Fatima, li tagħha Mons. Salvatore Grima kien ħafna devot. Garigor minn din il-kamra, li wisq probabbli kienet is-sagristija meta dari l-artal maġġur kien fejn illum tinsab l-antiporta, jagħti għal xi kmamar fuq, għall-gallarija ta' l-orgni u għal fuq il-bejt tal-knisja. F'waħda minn dawn il-kmamar għamel żmien jorqod Wistin Cassar meta kien jieħu ħsieb din il-knisja. Fuq in-naħa l-oħra ta' l-antiporta naraw f'niċċa statwa ta' Ġesu' Inkurunat bix-Xewk (Ecce Homo), li fl-imgħoddi kienet parti mis-sett qadim tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Fuq il-bejt hemm żewġ qniepen żgħar. L-iżgħar mit-tnejn saret minn Ferdinando Leotta fl-1819 (8). Qamet 34 skud, iżda l-prokuratur ta lill-bronżar qanpiena oħra mġenġla. L-oħra li qiegħda fil-kampnar ċkejken saret fil-belt ta' Firenze minn Carlo Moreni fl-1862, kif tgħid kitba fuqha stess. Fiha wkoll ħamiema bir-raġġi u żewġ anġli, kif ukoll il-kelmiet *Spiritus Sanctus - Zeitun*.

Il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu mhux biss kellha sehem kbir fl-Istorja mqallba taż-Żejtun, iżda wkoll serviet bħala ċentru minn fejn il-Mulej għogbu jagħti bosta grazzji lil ħutna Żwieten li nġabru hawn jitolbuħ l-għajnuna siewja tiegħu. J'Alla l-Ispirtu Qaddis Tiegħu jkompli jdawwal kemm lir-reliġjużi, kif ukoll lil-lajċi, fil-ħidma tagħhom ta' mħabba, għajnuna soċjali u edukattiva, mal-poplu ta' din il-parroċċa.

Riferenzi

1 Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 62. E.B. Vella, "Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk", p.68.
2. Idem MS 62.
3. Idem ff.75, 76.
4. E.B. Vella, pp.138, 139.
5. Idem p.111.

6. A.P.Z. MS 193.
7. Idem f.43.
8. MS 62, f.67.

**Radd il-Ħajr**

W.R. Madre Isabella u sħabha r-reliġjużi "Ulied il-Qalb ta' Ġesu', u Robert Cassar.




**Il-Pjanta tal-knisja**



**Il-Knisja Ta' L-Ispirtu Santu'**